## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**
**Ġamri Calleja**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Ġamri Calleja iben il-mejjet Nikol u l-mejta Maria nee Micallef, imwieled nhar is-16 ta' Diċembru 1936 u residenti "Mystic Rose", Triq Newba, s-Siġġiewi fejn ġie mixli talli fit-28 ta' Ġunju 2013 u fil-jiem ta' qabel :

(a) uża prodotti ta' pjanti fuq siġar tal-ħawħ għall-protezzjoni tal-pjanti li ħallew livell ta' residwi ta' pestiċidji fi prodotti li joriġinaw minn pjanti u ċioe ħawħ illi huwa ogħla mill-livell massimu permess mir-regolament EU 396/2005; u

(b) uża prodotti għal protezzjoni ta' pjanti bl-isem ta' Rogar L40 fuq is-siġar tal-ħawħ meta dan mhux approvat għall-użu fuq siġar tal-ħawħ u dan bi ksur tal-Artikolu 28 et tal-EU 1107/2009.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Matul is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2014 semgħet lill-Avukat Difensur jitlob l-isfilz tad-dokumenti kollha preżentati f'dan il-proċess u li jirrelataw għall-analiżi li saret fil-laboratorju spanjol dwar l-allegati residwi ta' pestiċidji wżati f'dan il-każ in kwantu tali rapport kien wieħed meħud ex parte u mhux magħmul minn espert maħtur mill-Qorti għal dan il-għan. Oltre minn hekk l-imputat ma kellu ebda parteċipazzjoni u/jew kontroll fir-rigward tal-istess analiżi. Inoltre d-difiża tenniet li issa f'dan l-istadju tal-proċeduri ma kienx aktar possibbli għall-prosekuzzjoni li titlob li jiġi maħtur espert tekniku biex janalizza l-kampjuni fil-pussess l-Awtorita konċernata minħabba li l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni f'dak l-istadju kien magħluq. Id-difiżi eżiġiet li l-x-xiehda ta' Miguel Gamon kienet bażata fuq xiehda teknika kienet ukoll sfilzabbli; u dan apparti l-fatt li l-parti l-kbira mix-xiehda tiegħu kienet bażata fuq analiżi kondotta minn persuni oħra u mhux minnu.

Din il-Qorti qieset li d-difiża fuq dan il-punt għandha raġun. Dak kollu li sar fil-laboratorju spanjol kien marbut ma analiżi xjentifika tal-kampjuni elevati mill-uffiċjali Maltin. Dan ifisser li dik ix-xiehda hija ex parte u għalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuqha in kwantu tali. Huwa ċar li l-Awtorita saħqet fuq il-ħtieġa ta' analiżi xjentifika tal-kampjuni – u sewwa għamlet. Iżda mill-banda l-oħra ma setgħatx tqis dawn il-proċeduri daqslikieku kienu proceduri fejn xiehda ex parte setgħet tkun ammissibbli. Il-mod kif il-produzzjoni, preservazzjoni u konservazzjoni tal-provi, magħqud ma analiżi teknika b'mod indipendenti li kellha ssir f'dan il-każ riedet issir b'mod ieħor. It-talba għall-isfilz għalhekk qed tiġi milqugħa.

Il-Qorti rat ukoll li l-azzjoni li ttieħdet kontra tal-imputat kienet bażata prinċipalment fuq il-konklużjoniji ta' din l-analiżi li saret fil-laboratorju spanjol li saret bejn it-8 u s-17 ta' Lulju 2013. Wara li l-Awtorita ottjeniet ir-riżultati hija pproċediet biex fis-27 ta' Lulju 2013 toħroġ ir-rapport tal-ispezzjoni lill-imputat (Dok 5). Biss peress li dan ir-rapport jistrieh fuq il-konklużjonijiet tar-relazzjoni teknika hawn fuq imsemmija maħruġa mill-laboratorju spanjol, din il-Qorti ma tqisx li tista toqgħod fuq il-konklużjonijiet tiegħu għaliex altrimenti tkun qegħda direttament tistrih fuq prova li tkun inkisbet in bażi għal relazzjoni magħmula ex parte.

Mill-banda l-oħra, l-imputat, meta xehed u b'mod partikolari in kontro-eżami ċaħad li qatt uża r-Rogal L40 sabiex bexx il-ħawħ bih. Huwa jtenni li huwa jaf li ma jistax jintuża fuq il-ħawħ. Huwa ma jistax jifhem kif qed jingħad li kien hemm ir-Rogar fuq il-prodott tiegħu.

Il-Qorti tqis li ladarba hija prekluża milli tistrih fuq il-konklużjonijiet tal-analiżi kondotta mill-laboratorju spanjol, ma tistax serenament tikkonkludi li l-prosekuzzjoni pruvat dan il-każ sal-grad rikjest mill-liġi.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Il-Qorti qegħda tiddeċiedi li ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Moghtija illum it-3 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.***